MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2457/2002

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Mario Degiorgio**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitta u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm186.70) rappresentanti l-bilanc ta' pakkett ta' reklami li xxandru fuq ir-radju LIVE FM skond ftehim datat 20 ta' Novembru 1997 (esebiet bhala Dokument A) u li l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja diversi *statements* li ntbaghtulu biex ihallas.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta'l-iskadenza sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Dicembru 2002, fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta attrici ghandha iggib prova tar-reklami li allegatement hija ghamlet kif ukoll li saru kif mitluba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Joe Grima in rappresentanza tas-socjeta attrici, kif ukoll ta' Gordon Caruana, ta'l-avukat Lynn Zahra, Michael Zammit u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas ta' Lm186.70 bilanc ta' prezz  ghax-xandir ta' reklami fuq ir-radju LIVE FM u dana skond kif jirrizulta mill-ftehim Dokument A, anness ma'l-avviz. Illi l-konvenut qieghed jikkontendi illi dan ir-reklami qatt ma gew imxandra kif miftiehem oltre illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi ghar-rigward ta'l-ewwel eccezzjoni, ma jirrizultax illi l-konvenut ressaq xi provi in sostenn ta' dak ecceppiet minnu. Kemm mill-ftehim, Dokument A,  kif ukoll mid-dokumenti l-ohra esebiti, jirrizulta illi kien Mario Degiorgio ghal Degiorgio Gift Shop, u cioe' il-konvenut f'ismu personali, li iffirma dan il-ftehim. Ma jirrizultax illi kien hemm xi persuna ohra involuta jew xi socjeta kummercjali b'responsabbilta' limitata in konnessjoni ma'l-istess. Ma gie esebit l-ebda dokument min-naha tal-konvenut li jindika dan u lanqas fix-xhieda tieghu moghtija quddiem it-Tribunal ma jallega illi l-ftheim ma kienx sar mieghu izda ma' xi persuna ohra jew ma' xi kumpanija. Kwindi fin-nuqqas ta' provi li juru altrimenti, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni fil-mertu, l-konvenut qieghed jeccepixxi illi l-hlas ma huwiex dovut ghaliex ir-reklami ma ixxandrux kif miftiehem. Illi ghandu jinghad illi skond il-fhteim milhuq bejn il-partijiet (Dokument A), ir-reklami kellhom jibdew jixxandru mill-1 ta’ Dicembru 1997 ghal disghin gurnata konsekuttiva minn din id-data. Illi s-socjeta attrici ma ressqet l-ebda prova konklussiva illi fil-fatt tindika illi dawn ir-reklami ixxandru. Il-perunsa inkarigata sabiex tiehu hsieb ir-reklamar, Gordon Caruana, jindika illi huwa ma jiftakar xejn dwar jekk ir-reklami kenux effettivament ixxandru u jekk fl-affermattiv, meta dawn saru. Michael Zammit, li kienet il-persuna inkarigata sabiex tiehu hsieb il-kotba tas-socjeta attrici jindika illi huwa kien johrog l-invoices abbazi ta’ dak indikat lilu mill-impjegati tas-socjeta attrici u mir-*records* li kien hemm fil-*ledgers*, bhal dak esebiet bhala Dokument JG3 a fol.30 tal-process, kif ukoll abbazi tar-*records* li kien hemm fil-*computers* tal-kumpanija, liema *records*, madanakollu, illum gew distrutti fin-nirien li kien hakkmu l-istazzjoni LIVE FM fl-1999.

Illi di piu’ anke il-legder esebit mis-socjeta attrici bhala Dokument JG3 a fol.30 tal-process, li huwa l-unika prova li jindika ir-reklami li kienu jixxandru gurnata b’gurnata, ma jindikax illi effettivament kien sar reklamar ghad-Degoiorgio Gift Shop tul id-disghin gurnata miftiehma. Fil-fatt l-isem “Degiorgio”, jidher biss fil-granet 15 sat-22 ta’ Jannar 1998, mill-24 sal-31 ta’Jannar 1998 u mill-1 sat-3 ta’ Frar 1998.

Illi ghalhekk il-provi prodotti juru illi sar reklamar biss f’dsatax-il gurnata bir-rata ta’ Lm2.63 kuljum (ara Dokument MZ1 Sa MZ5), b’kollox ammontanti ghal Lm49.97. Illi mid-Dokument A, jirrizulta illi l-konvenut hallas Lm50 bhala depozitu lis-socjeta attrici, li ghalhekk ikopri l-ammont li jirrizulta dovut u kwindi il-bilanc li qieghed jintalab mis-socjeta attrici certament ma huwiex dovut u dana f’nuqqas ta’ provi illi ir-reklami li dwarhom qed jintalab il-hlas gew effettivament imxandra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta

konvenuta, jilqa' it-tieni eccezzjoni u kwindi jichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------